**Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kwantità mhux mitluba li għandha tiżdied mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju 2011 sat-30 ta' Settembru 2011 fil-kuntest ta' ċerti kwoti miftuħa mill-Unjoni għall-prodotti fis-setturi tal-laħam tat-tjur, tal-bajd u tal-albumina tal-bajd**

(2011/C 127/03)

Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1384/2007 ([1]) u (KE) Nru 1385/2007 ([2]) fetħu kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti fis-settur tal-laħam tat-tjur. L-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni li tressqu matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Marzu 2011 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2011, għall-kwoti 09.4091, 09.4092, 09.4411 u 09.4421, kienu jkopru kwantitajiet iżgħar minn dawk disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 7(4) it-tieni fraži, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([3]), il-kwantitajiet li għalihom ma sarux talbiet, ġew miżjuda mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu tal-kwoti ta' wara, mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2011, u jidhru fl-Anness għal din il-Komunikazzjoni.

---

([1]) ĠU L 309, 27.11.2007, p. 40.
([2]) ĠU L 309, 27.11.2007, p. 47.
([3]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

*ANNESS*

| Nru tal-ordni tal-kwota | Kwantitajiet li għalihom ma tressqet l-ebda applikazzjoni u li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju 2011 sat-30 ta' Settembru 2011<br>(f'kg) |
|---|---|
| 09.4091 | 280 000 |
| 09.4092 | 363 003 |
| 09.4411 | 2 550 000 |
| 09.4421 | 350 000 |